IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.2.2021
COM(2021) 86 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu

1. SFOND

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu ([1]) stabbilixxa qafas komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid sistematiku tal-istatistika dwar it-turiżmu fl-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li:

- jemendaw id-definizzjonijiet biex jirriflettu l-bidliet fid-definizzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 2(2));
- jemendaw l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* biex iqisu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi (l-Artikolu 9(5)); kif ukoll
- jadattaw l-Annessi biex iqisu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tibdel id-dispożizzjonijiet fl-Annessi li jagħmlu d-*data* meħtieġa fakultattiva u li jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħha (l-Artikolu 3(2)).

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 jenfasizza l-importanza li qabel tadotta atti delegati, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell tal-esperti.

2. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mill-11 ta' Awwissu 2011. Din is-setgħa se tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' ħames snin, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill iressqu oġġezzjoni għall-estensjoni tal-anqas tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Il-Kummissjoni hija meħtieġa tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa sa mhux iktar tard minn tal-anqas disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Dan ir-rapport jissodisfa dan ir-rekwiżit.

L-ewwel rapport, li jkopri l-perjodu 2011–2015, ġie adottat f'Jannar 2016 ([2]).

[1] ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17.
[2] COM (2016) 4 tal-20.1.2016.

3. THADDIM TAS-SETGĦAT DELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (UE) NRU 692/2011

Mill-2016 ’l hawn, il-Kummissjoni adottat żewġ atti delegati: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/1681 ([3]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1569 ([4]).

- **IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1681**

L-Artikoli 3(2) u 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jadattaw l-Annessi u jemendaw l-iskadenzi tat-trażmissjoni, sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi.

Fl-għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 692/2011, l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi ġodda kienu wasslu għal bidla fil-ħtiġijiet ta’ dawk li jużaw l-istatistika dwar it-turiżmu. Barra minn hekk, il-kisbiet fl-effiċjenza fil-proċess tal-produzzjoni għamluha possibbli li tiġi prodotta d-*data* b’mod aktar f’waqtu u rilevanti għall-utent. Dan l-att delegat qies dawn l-iżviluppi u aġġorna r-Regolament (UE) Nru 692/2011 billi emenda l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* u l-Annessi I u II.

L-aġġornamenti jipprevedu:

a) titjib gradwali fl-iskadenzi tat-trażmissjoni għad-*data* kollha ta’ kull xahar, u t-trażmissjoni tad-*data* vvalidata għas-settijiet tad-*data* kollha ta’ kull xahar u annwali (l-Artikolu 9);

b) it-trażmissjoni annwali tal-ikkategorizzar il-ġdid li ġej għad-*data* dwar l-iljieli mqattgħin f’akkomodazzjoni turistika minn residenti u minn mhux residenti, għal granularità ġeografika u temporali mtejba (l-Anness I, it-Taqsima 2):

   - *data* ta’ kull xahar għar-reġjuni NUTS 2;
   - *data* skont il-grad ta’ urbanizzazzjoni, separatament għaż-żoni kostali u mhux kostali;
   - *data* għar-reġjuni NUTS 3; kif ukoll
   - *data* għall-bliet kapitali u bliet oħra magħżula;

c) it-trażmissjoni ta’ informazzjoni min-naħa tad-domanda fuq pjattaformi diġitali kull tliet snin, abbażi ta’ varjabbli marbuta mal-modalità ta’ bbukkjar għal vjaġġi rrappurtati;

d) it-trażmissjoni annwali ta’ kkategorizzar irfinut għall-mezzi ewlenin tat-trasport u l-akkomodazzjoni għal vjaġġi rrappurtati; kif ukoll

e) it-trażmissjoni annwali tan-nefqa tal-pakkett fejn il-vjaġġi rrappurtati jkunu vjaġġi b'kollox inkluż.

---

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681 tal-1 ta’ Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-iskadenzi għat-trażmissjoni u l-adattament tal-Annessi I u II (ĠU L 258, 9.10.2019, p. 1).

[4] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1569 tat-23 ta’ Lulju 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-klassifikazzjoni tal-pajjiżi tar-residenza tal-ospiti li jkunu qed joqogħdu fi stabbilimenti għall-akkomodazzjoni turistika fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (ĠU L 359, 29.10.2020, p. 1).

L-att delegat ma żiedx b'mod sinifikanti l-piż fuq l-Istati Membri u r-rispondenti, u lanqas ma affettwa l-qafas kunċettwali sottostanti.

Il-Kummissjoni wettqet il-konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, waqt ix-xogħol preparatorju tagħha fuq dan l-att delegat. Il-partijiet ikkonsultati inkludew il-Grupp Espert għall-Istatistika dwar it-Turiżmu, il-Grupp tad-Diretturi tal-Istatistika Kummerċjali u l-Grupp ta' Esperti "Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika". Dawn ġew ikkonsultati bil-miktub u/jew f'laqgħat bejn Ġunju 2018 u Ġunju 2019, u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ġew infurmati kif xieraq dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni.

Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat fl-1 ta' Awwissu 2019 u nnotifikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill; l-ebda waħda miż-żewġ istituzzjonijiet ma ressqet xi oġġezzjoni għar-Regolament Delegat fi żmien il-perjodu standard ta' xahrejn stipulat. Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' xahrejn, ir-Regolament Delegat ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fid-9 ta' Ottubru 2019 u daħal fis-seħħ fid-29 ta' Ottubru 2019.

- **IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1569**

It-tieni Regolament Delegat tal-Kummissjoni allinja r-Regolament (UE) Nru 692/2011 mar-Renju Unit bħala pajjiż mhux tal-UE (pajjiż terz) mill-1 ta' Frar 2020. Minn dik id-data 'l quddiem, l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu ħtiġilha turi lir-Renju Unit bħala pajjiż mhux tal-UE. L-att delegat aġġorna l-kategoriji li jridu jintużaw għall-pajjiż jew għaż-żona ġeografika ta' residenza tal-viżitaturi li joqogħdu fi stabbilimenti għall-akkomodazzjoni turistika, kif stabbilit fit-Taqsima 3 "E. Pajjiżi u żoni ġeografiċi" tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011, billi inkluda lir-Renju Unit bħala pajjiż separat.

Il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħa li tadotta dan l-att delegat skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 692/2011.

Ir-Renju Unit huwa sors importanti ta' turisti lejn l-UE, għalhekk il-Kummissjoni kellha tkompli tirċievi d-*data* tal-pajjiżi li rrappurtaw dwar il-flussi tat-turiżmu li jidħlu mir-Renju Unit separatament, kif kien il-każ għal sħab ewlenin bħar-Russja, l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Brażil, iċ-Ċina u l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA). Il-bidla ma poġġiet l-ebda piż addizzjonali fuq l-Istati Membri, peress li kienu diġà qed jibagħtu din id-*data* lill-Eurostat fil-kategorija "Unjoni Ewropea (l-Unjoni); għandha tiġi rrappurtata separatament: kull Stat Membru". Il-bidla involviet biss bidla għal linja oħra fil-mudell tar-rapportar.

Il-Kummissjoni wettqet il-konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell espert, waqt ix-xogħol preparatorju tagħha fuq dan l-att delegat. Il-partijiet ikkonsultati inkludew il-Grupp Espert għall-Istatistika dwar it-Turiżmu, il-Grupp tad-Diretturi tal-Istatistika Kummerċjali u l-Grupp ta' Esperti "Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika". Dawn ġew ikkonsultati permezz ta' proċedura bil-miktub bejn Frar 2020 u Mejju 2020, u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ġew infurmati kif xieraq dwar ir-riżultati tal-konsultazzjoni.

Il-Kummissjoni adottat ir-RegolamentDelegat fit-23 ta' Lulju 2020 u nnotifikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill; L-ebda waħda miż-żewġ istituzzjonijiet ma ressqet xi oġġezzjoni għar-Regolament Delegat fi żmien il-perjodu standard ta' xahrejn lstipulat. Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' xahrejn, ir-Regolament Delegat ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-29 ta' Ottubru 2020, u daħal fis-seħħ fit-18 ta' Novembru 2020.

KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni eżerċitat sew is-setgħat delegati lilha u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

Il-Kummissjoni temmen li jenħtieġ li jkompli jkollha dawn is-setgħat, peress li jista' jkollha bżonn tadotta atti delegati fil-futur biex iżżomm l-istatistika Ewropea tat-turiżmu f'konformità mad-definizzjonijiet internazzjonali, jew biex tqis l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi.